# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 26 ta' Novembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan  Cassar)**

**vs**

**Christ Skotadis**

**Drogi Nru: 136/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Christ Skotadis detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru **296896M;**

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-11 ta' Novembru 2018 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data:

1. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet

ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Biegh jew xort' ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’Malta;

F’kaz ta’ htija il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li l-imputat ta informazzjoni u anke rrilaxxja stqarrija guramentata u ghandu japplika fil-konfront ta' l-imputat l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(e), l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), it-tieni proviso ta'l-artikolu 22(2) u l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 40A, 120A(1)(2)(b)(i) u t-tielet skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 3 u 5 ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disgha' xhur priguneria u multa ta' mitejn Euro (€200) u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tpoggih taht ordni ta' trattament ghal perjodu ta' sentejn. In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-mobile phones esebieti (Dok JC9 u Dok JC10) u ta'l-ammont ta' mitejn u hames Euro (€205).

Il-Qorti f'dan listadju mhux qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta (Dok JC11) stante li hija rikjesta bhala prova f'proceduri penali ohra. In oltre qed tordna li l-mobile phones esebieti u konfiskati ghandhom jibqghu preservati in atti u disponibbli stante li huma rikjesti ukoll bhala prova f'proceduri ohra.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**